# L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Marzu tal-2024

NR 068/2024 Data tal-Ħruġ: 17 ta' April 2024

*F'Marzu 2024, ir-rata annwali tal-inflazzjoni skont l-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP) kienet ta' 2.7 fil-mija; tnaqqis mir-rata ta' 3.0 fil-mija rreġistrata fix-xahar ta' qabel.*



**It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni**

F'Marzu 2024, l-ogħla rati ta' inflazzjoni kienu rreġistrati fl-Ikel u x-xorb mhux alkoħoliku (5.6 fil-mija) u fl-Edukazzjoni (5.0 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-inqas rati annwali tal-inflazzjoni kienu fil-Komunikazzjoni (-10.4 fil-mija) u fil-Ħwejjeġ u żraben (-1.7 fil-mija) (Tabella nru 1).

## Ċart nru 1. Rati ta' inflazzjoni




F'Marzu tal-2024, l-akbar impatt pożittiv fuq l-inflazzjoni annwali ġie mill-Indiċi tal-Ikel u x-xorb mhux alkoħoliku (+1.02 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla tal-ħalib. It-tieni u t-tielet l-akbar impatti pożittivi fuq l-inflazzjoni annwali ġew innotati fl-Indiċi tar-Ristoranti u lukandi (+0.69 punti perċentwali) u fl-Indiċi tal-Akkomodazzjoni, ilma, elettriku, gass u tipi ta' karburanti oħrajn (+0.36 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla fis-servizzi tar-ristoranti u fil-kirjiet, rispettivament (Ċart nru 2, Tabella nru 4).

L-akbar impatt negattiv fuq l-inflazzjoni annwali kienu rreġistrati fl-Indiċi tal-Komunikazzjoni (-0.41 punti perċentwali), fl-Indiċi tar-Rikreazzjoni u l-kultura (-0.09 punti perċentwali) u fl-Indiċi tal-Ħwejjeġ u żraben (-0.07 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet inqas tas-servizzi tal-mowbajl, il-pakketti tal-ivvjaġar u l-ħwejjeġ, rispettivament (Ċart nru 2, Tabella nru 4).

## Ċart nru 2. Il-kontribut tat-tnax-il taqsima ewlenija tal-ECOICOP għar-rata annwali tal-inflazzjoni

Marzu 2024




Noti:

1. Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.
2. Serje kronoloġika fid-dettall ta' dawn iċ-ċifri qiegħda f'Tabella nru 4.

**L-HICP (Malta u ż-żona tal-ewro)**

Din is-sezzjoni tqabbel l-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur ta' Malta mal-aħħar ċifri taż-żona tal-ewro. F'Marzu 2024, ir-rata annwali għal Malta kienet ta' 2.7 fil-mija, 0.3 punti perċentwali aktar mir-rata ta' 2.4[1] fil-mija rreġistrata fiż-żona tal-ewro (Ċart nru 3).

[1] L-aħħar data disponibbli għaż-żona tal-ewro hija stima, li tkun għadha proviżorja.

## Ċart nru 3. It-taqsimiet kollha tal-HICP f'Malta u fiż-żona tal-ewro




Sors: NSO u Eurostat.